MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 79/2005

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici 'ad litem' ta' uliedha minuri,**
**C, D u E**
**vs**
**L-Avukat Dottor G Galea u**
**l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti G B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu [fl-20 ta' April 1994]; li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli minhabba eccessi, sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenut, kif ukoll minhabba nkompatibbilita' ta' karattru; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni biex tipprocedi bl-istanza prezenti; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi

htija tal-konvenut; [2] tafda f' idejn l-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri taghhom, C, D u E; [3] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici retta alimentarja fissata minn din il-Qorti, ghaliha u ghat-tfal minuri; [4] tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha; [5] tawtorizza lill-attrici sabiex, flimkien ma' ulied il-partijiet, tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni ta' zewgha; bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li huma ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz, u ghalhekk irrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerni l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-konvenut assenti.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi akkwiziti ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet izzewgu fl-20 ta' April 1994, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, C, D u E, li llum ghandhom rispettivament, 15, 16 u 5 snin. Wara xi sentejn fil-konvivenza matrimonjali, il-konvenut kien jahdem bhala barman fil-kazin tal-banda, bl-attrici tghinu f' dan ix-xoghol. Eventwalment, minhabba l-oneru tat-trobbija tat-tfal, l-attrici ma baqghetx tmur tghinu, bir-rizultat li l-konvenut kien ikompli ma' shabu, u kuljum kien jmur id-dar fis-sakra. Dan il-komportament tieghu, abitwali u ripetut, kien irrenda difficli u nsapportabbli l-konvivenza ghall-attrici, multo magis, meta f' okkazzjoni minnhom huwa refa' jdejh fuqha u ntervjeniet ukoll il-pulizija.

Sussegwentement kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali bit-tfal; u wara saret taf li zewgha kien dahhal mara ta' nazzjonalita' Russa fid-dar matrimonjali. Eventwalment huwa telaq mid-dar u mill-pajjiz. Ghalhekk l-attrici pprovat terga' tmur tabita fid-dar matrimonjali, izda dan kien impossibbli ghaliha peress li l-Housing Authority kienet gholliet il-kera; ghalhekk hija kriet il-post numru 20 flat 6 Triq Wenzu Dyer, il-Birgu fejn ghadha toqghod sa llum mat-tfal.

Illi mill-kwadru tal-fatti mhux kontraddetti l-Qorti tirravviza da parti tal-konvenut is-sevizzi u l-ingurja gravi, fil-konfront ta' martu, kontemplati fl-artikolu precitat, u li dawn kienu l-kawza unika tas-separazzjoni. Minn naha ta' l-attrici l-Qorti ma tirravviza xejn censurabbli jew li kkontribwixxa ghas-separazzjoni, anzi l-provi juru li hi addossat fuqha esklussivament l-oneru tat-trobbija tat-tlett itfal tal-partijiet.

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li huwa fl-ahjar interess tat-tfal C, D u E, li ghandhom minorenni, li l-kura u kustodja taghhom tigi fdata esklussivament f' idejn ommhom, l-attrici; u ghalhekk tordna li dawn ikunu fil-kura u kustodja esklussiva taghha, bid-dritt ta' access favur il-missier, u li l-modalita' tieghu tigi stabbilita minn din il-Qorti fuq rikors appozitu.

**Manteniment**

Illi l-konvenut, bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, ghandu l-obbligu li jaghti manteniment lill-attrici; u, bhala missier ulied il-partijiet, ghandu l-obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom.

Illi rigward il-quantum tal-manteniment, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attrici tghid li matul il-konvivenza zewgha kien jaghtiha LM50 fil-gimgha, ma ngabux provi ulterjuri dwar ic-cirkostanzi finanzjarji llum tal-konvenut; fil-fatt l-attrici ma taf xejn dwaru, u lanqas taf fejn qieghed fil-prezenti. Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qed tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut, ghaliha u ghall-ulied minuri tal-partijiet, qed tirrizerva l-iffissar tal-quantum tar-retta alimentarja dovuta ghal gudizzju

separat, wara li l-attrici tkun fil-pozizzjoni li tressaq provi f' dan ir-rigward.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fl-inkwilinat, li qieghed fuq isem l-attrici, tal-fond numru ghoxrin [20] appartament numru sitta [6] Triq Wenzu Dyer Birgu, u ftit ghamara ta' go fih, liema effetti, gew akkwistati mill-attrici wara li zewgha abbanduna d-dar konjugali u telaq mill-pajjiz.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni: l-inkwilinat tal-fond fuq indikat, u l-oggetti mobbli fih, qed jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici; filwaqt li tordna li dawk id-djun kuntrattati mill-konvenut ad insaputa ta' l-attrici, jkunu sapportati esklussivament mill-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tilqa' it-tielet talba, limitatament, u fit-termini stabbiliti u ordnati fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' ir-raba' talba, u, filwaqt li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, tordna li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[5] tilqa' l-hames talba;

L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------